Moviment
Patrijotti Maltin

# *Religio, Patria è Familia*

## Proposti ta' konservazzjoni, reviżjoni u klawsoli ġodda fil-Kostituzzjoni ta' Malta

### Konservazzjoni

### Suġġeriment numru 1, In-Newtralità

Newtralità Artiklu 1. (3) Għandu jiġi rtirat immedjatament it-tratatt maruf bħala "Military Mobility Programme" ta' European Defence Agency Steering Board (EDA) u NATO iffirmat fl-14 ta Mejju 2019 li jikser dak kollu li din il-Kostituzzjoni tħares f'Artiklu 1. (3) fejn tidħol in-newtralità ta' pajjiżna.

In-Newtralità hija sagra u determinanti għal pajjiżna, biex nibqgħu ngawdu l-paċi u l-prosperità ta' pajjiżna u ġensna filwaqt li nkunu ta' xprun għal paċi ta' pajjiżi u ġnus oħra, din il-pożizzjoni ma għandha qatt tinbidel mingħajr il-kunsens b'mandat elettorali tal-poplu Malti.

Artiklu 1. (3) Malta hija stat newtrali li jrid attivament jilħaq il-paċi, is-siġurtà u l-progress soċjali fost in-nazzjonijiet kollha billi jħaddan politika ta' non-allineament u jirrofta li jipparteċipa f'kull alleanza militari. Dan l-istatus jimplika b'mod partikolari, illi:

(a) l-ebda bażi militari barranija ma titħalla fuq territorju Malti;

(b) l-ebda faċilitajiet militari f'Malta ma jitħallew jiġu wżati minn xi forzi barranin ħlief fuq talba tal-Gvern ta' Malta, u biss fil-każi li ġejjin:

(i) fl-eżerċizzju tal-jedd naturali ta' difiża leġittima f'każ ta' vjolazzjoni armata tal-area li fuqha r-Repubblika ta' Malta għandha sovranità, jew biex tieħu miżuri jew azzjonijiet deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda; jew

(ii) kull meta jkun hemm theddida għas-sovranità, indipendenza, in-newtralità, l-unità jew l-integrità territorjali tar-Repubblika ta' Malta;

(ċ) minbarra fil-każi msemmija hawn fuq, l-ebda faċilitajiet oħra f'Malta ma jitħallew jintużaw b'talimod u b'tali miżura li jwasslu għall-preżenza f'Malta ta' konċentrazzjoni ta' forzi barranin;

(d) minbarra fil-każi msemmija hawn fuq, l-ebda persunal militari barrani ma jitħalla fuq territorju Malti, ħlief dak il-persunal militari li jkun qed jagħmel, jew jgħin biex jitwettqu, xogħlijiet jew attivitajiet ċivili, u ħlief għadd reġonevoli ta' persunal tekniku militari li jgħin fid-difiża tar-Repubblika ta' Malta;

(e) it-tarznari tar-Repubblika ta' Malta jintużaw għal skopijiet kummerċjali ċivili, iżda jistgħu wkoll jintużaw, f'limiti raġonevoli ta' żmien u għadd, għat-tiswija ta' bastimenti militari li jkunu tpoġġew f'qagħda li ma jistgħux jiġġieldu jew għall-bini ta' vapuri; u skont il-prinċipji ta' non-allineament l-imsemmija tarznari jiġu mċaħħda lill-bastimenti militari taż-żewġ superpotenzi.

## Suġġeriment numru 2, Ir-Reliġjon

Artiklu 2. (1) Ir-reliġjon ta’ Malta hija r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana.

Għalkemm nemmnu li kulħadd għandu dritt għat-twemmin tiegħu, ir-reliġjon “Kattolika Appostolika Rumana”, għandha tibqa’ r-reliġjon uffiċjali ta’ Malta, kif tnaqqxet fil-Kostituzzjoni ta’ Malta min missirijietna.

## Suġġeriment numru 3, L-ilsien Nazzjonali

Artiklu 5. (1) L-ilsien Nazzjonali ta’ Malta huwa l-ilsien Malti.

L-ilsien Malti għandu jkun l-uniku ilsien uffiċjali Malti, kwalinkwa lingwa oħra hija lingwa sekondarja u m’għandha qatt titqies uffiċjali u/jew l-ekwivalenti u/jew is-sostitut tal-lingwa Maltija.

## Reviżjoni

## Suġġeriment numru 4, L-ilsien Nazzjonali

Artiklu 5. (2) L-ilsien Malti u l-ilsien Ingliż u dawk l-ilsna l-oħra li jistgħu jiġu preskritti mill-Parlament (b’liġi mgħoddija b’mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati) ikunu l-ilsna uffiċjali ta’ Malta u l-Amministrazzjoni tista’ għall finijiet kollha uffiċjali tuża kull wieħed minn dawk l-ilsna:

Iżda kull persuna tista’ tindirizza ruħha lejn l-Amministrazzjoni f’kull wieħed mill-ilsna uffiċjali u t-tweġiba tal-Amministrazzjoni għal hekk tkun b’dak l-ilsien.

(3) L-ilsien tal-Qrati jkun l-ilsien Malti:

Iżda l-Parlament jista’ jagħmel dak il-provvediment għall użu tal-ilsien Ingliż f’dawk il-każijiet u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista’ jippreskrivi.

(4) Il-Kamra tad-Deputati tista’ meta tirregola l-proċedura tagħha, tistabbilixxi l-ilsien jew l-ilsna li għandhom ikunu wżati fi proċeduri u annotazzjonijiet parlamentari.

## Klawsoli ġodda

## Suġġeriment numru 5, Il-President tar-Repubblika ta’ Malta

a. Il-President tar-Repubblika ta’ Malta, jiġi elett mill-poplu, persuna li ma tkunx ġejja mix-xena politika jew li tkun nieqsa mill-politika għal mhux anqas minn 10 snin.
b. li jkollha merti u/jew tgawdi l-fiduċja u rispett tal-poplu għal ħidmietha jew għemilha fil-konfront tal-pajjiż u l-ġens Malti.
c. Li n-nominazzjoni ta’ President tar-Repubblika ta’ Malta tkun issekondata mill-partiti politiċi kollha Maltin
d. Fir-responsabbiltà tal-President elett minn poplu għandhom jiżdiedu;
    1. dawk ir-responsabiltajiet kollha li llum jaqgħu taħt il-Ministru tal-Intern,
    2. il-poter tal-Prim Ministru li jgħajjat elezzjoni f’waqtha jew bikrija
    3. li jitlob inkjesti u investigazzjonijiet kriminali ta’ Ministri tal-Gvern u persuni pubbliċi kif jidirlu xieraq.

**Suġġeriment numru 6, Poter tal-Gvern waqt kampanja ta' Elezzjoni Ġenerali**

Il-Moviment Patrijotti Maltin jemmen li l-poter tal-Gvern waqt kampanja ta' Elezzjoni Ġenerali għandu jkun wieħed limitat ħafna ta' amministrazzjoni bażika biex tispiċċa darba għal dejjem il-possibiltà ta' pjaċiri għall-voti minn membri ta' Gvern uxxenti;

a. Kull infieq ta' fondi tal-Gvern,
b. Kull ingaġġ ta' impjegati mal-Gvern,
c. L-assi kollha tal-Pajjiż,

Għandhom temporanjament jaqgħu fir-responsabiltà tal-President ta' Malta.

**Suġġeriment numru 7, Trattament ugwali tal-partiti**

Kull partit politiku reġistrat u rikonoxut mill-ligi għandu jgawdi ugwalment u indiskriminatament mill-istess benefiċji u drittijiet,

a. Permessi ta' xandir privat u fuq stazzjonijiet tal-istat,
b. Permessi biex iwettqu attivitajiet pubbliċi,
c. Permessi biex jindirizzaw lill-poplu fit-toroq,
d. Benefiċċji kollha inklużi finanzjarji u użu ta' faċilitajiet u propjetà tal-istat,
e. Id-dritt li jwettqu dmirhom ta' superviżjoni ta' kull operat tal-Gvern,
f. Jingħataw l-informazzjoni kollha u sħiħa fuq avvenimenti ta' interes nazzjonali mill-pulizija, suldati u dipartimenti tal-Gvern skont il-każ.

**Suġġeriment numru 8, Il-Vilifikazzjoni tar-Reliġjon**

Tiġi rtirata l-liġi tal-vilifikazzjoni tar-reliġjon u mnaqqax fil-Kostituzzjoni li l-ebda reliġjon m'għandha tkun imżebilħa u vvilifikata.

**Suġġeriment numru 9, Id-dritt għall-ħajja sa mill-konċepiment**

Għandu jitnaqqax fil-Kostituzzjoni d-dritt għall-ħajja sa mill-konċepiment, le għall-qtil tal-innoċenti fil-ġuf, le għall-abort.
Dan hu s-sentiment u l-kredu tal-maġoranza assoluta tal-poplu Malti, l-valuri tal-ħajja, tat-twemin Kristjan, ta' demokrazija imsejsa fuq ġustizzja u rispett lejn il ħajja ta' kull bniedem, mhux l-anqas ta' dawk inoċenti, vulnerbabli u li ma jistgħux jiddefendu ruħhom.

Dan hu dak li l-Kostituzzjoni ta' Malta inbniet fuqu, fejn proprju f'artiklu wieħed (1) ta' din il-Kostituzzjoni,
Artiklu 1. (1) Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu. "Kull fetu huwa individwu uniku u rripetibbli"

Il-Moviment Patrijotti Maltin ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jispjega f'aktar dettal il-proposti li qed jisotomentti quddiem l-entitajiet inkarigati mir-reviżjoni tal-Kostituzzjoni jekk ikun mitlub.

l-Ewwel ta' Ottubru 2019

Simon Borg
Mexxej Moviment Patrijotti Maltin
simonborg@patrijottimaltin.org

Moviment Patrijotti Maltin